**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : LVI**
**Appell Nru: 239/2000**

**Il-Pulizija (Spettur Paul Camilleri)**

**Vs**

**MARTIN CARUANA**

**Illum, 6 ta'Gunju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li biha Martin Caruana kien akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali talli fl-4 ta'Lulju, 2000, ghal habta tat-8.45 a.m., f'Bieb il-Belt, Valletta :

1. Volontarjament kiser il-paci pubblika w il-bon ordni b'ghajjat ;
2. Bil-kliem insulenta w hedded lill-PS 1387 V. Arnaud, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Rat is-sentenza moghtija mill-imsemmija Qorti fil-25 ta'Ottubru, 2000, li biha, wara ammissjoni ta' l-istess Martin Caruana, sabitu hati ta' dawn l-akkuzi w kkundannatu ghal erba (4) tijiem detenzjoni.

Rat ir-rikors t'appell ta'Martin Caruana datat 2 ta'Novembru, 2000, li bih talab li din il-Qorti timmodifika w tirriforma s-sentenza appellata limitatament ghal dak li jikkoncerna l-piena mposta fuqu.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda mill-gdid bil-gurament.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi dan l-appell huwa limitata biss ghal dik li hija l-piena ta' erba tijiem detenzjoni li l-ewwel Qorti ghogobha timponi fuq l-appellant.

L-appellant jsostni li tali piena kienet ferm eccessiva w sproporzjonata tenut kont tal-fatti partikolari tal-kaz.

Din il-Qorti taqbel ma' l-appellant. Hu kien ammetta dawn l-akkuzi dedotti kontrih ma' l-ewwel opportunita' li kellu quddiem l-ewwel Qorti. Oltre dan, l-appellant, kemm quddiem din il-Qorti, kif ukoll quddiem l-ewwel Qorti, kien talab skuza ghal dan l-incident u dak kollu li wettaq fil-konfront tal-PS 1387 V. Arnaud.

Fil-fehma ta'din il-Qorti dan l-incident kollu ma kienx wiehed daqshekk gravi li kien jimmerita piena ta'detenzjoni fil-habs. Tali piena, li kieku kellha tigi konfermata, kienet isservi biss biex twassal ghall-hsara rreparabbli lill-appellant kemm socjalment, fil-familja tieghu, kif ukoll psikologikament.

Il-Qorti tifhem li l-appellant qatt ma messu jehodha kontra l-awtorita' ta' xi ufficcjal pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu, bhal ma kien l-imsemmi Surgent, u billi sejra timmodifika l-piena, b'daqshekk ma tridx tfisser jew ghandu jinftiehem li qedha b'xi mod tnaqqas ir-responsabbilta' kriminali ta' l-appellant. Dak li ghamel jibqa' dejjem hazin, pero', certament kien incident li, fic-cirkostanzi tal-kaz, ma jimmeritax piena ta' detenzjonji fil-habs, ghalkemm ghandu jinghad li tali piena hija fil-parametri stabbiliti mil-ligi ghar-reati bhala dawk addebitati lill-appellant.

Ghalhekk l-appell ta' Martin Caruana qed jigi milqugh, dan billi s-sentenza ta' l-ewwel Qorti, filwaqt li qed tigi konfermata fil-parti fejn sabet u ddikjarat htija fl-appellant, qed tigi revokata fil-parti tal-piena li kienet imponiet fuqu, u, minflok dik il-piena, din il-Qorti qedha tikkundanna lill-Martin Caruana ghall-ghoxrin lira Maltin (LM20) ammenda fuq kull wahda miz-zewg akkuzi dedotti kontrih, pagabbli skond il-ligi.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur